**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 61/19 AGV**

ABC (ID NRU: 466481M) f' ismimha proprio u f' isem binha CB li twieled fid- 9 ta' Settembru 2018.

Vs

DB (ID nru:156479M) u EF (ID nru: 514579 M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. Illi fid-9 ta' Settembru 2018 l-attrici welldet tifel bl-isem ta' CB, li ghadu minuri u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni; 5999/2018 mmarkat bhala Dok A.
2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta li l-attrici ABC hija l-omm tal-imsemmi minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom il-missier' il-konvenut DB gie registrat bhala missieru.
3. Illi r-rikorrenti ABC u l-konvenut DB izzewwgu fit- 3 ta' Settembru 2005, skont kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala Dok. B.
4. Illi minkejja li l-partijiet dejjem ghexu taht l-stess saqaf partikolarment fiz-zmien tal-koncepiment tal-imsemmi minuri, dan imma mhux il-wild naturali ta' DB u dan stante illi fl-istess zmien tal-koncepiment ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut l-iehor EF.
5. Illi minn kopja tat-test xjentifiku tad- DNA, hawn anness u mmarkat bhala Dok C jirrizulta illi l-konvenut EF huwa l-missier naturali tal-minuri C.
6. Illi fil-perjodu relevanti meta gie konceput il-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni intimat mal-konvenut l-iehor EF.
7. Illi ghalkemm fic-certifkat tat-twelid tal-minuri gie dikjarat illi l-missier huwa l-konvenut DB, fil-fatt il-minuri gie konceput fil-kors ta' relazzjoni extra- maritali li r-rikorrenti kellha mal-konvenut F.
8. Illi s-sitt (6) xhur imsemmija fl-artikolu 77 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tigi istitwita l-kawza skont l-artikoli 77 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-minuri jigi regstrat fuq il-konvenut EF ghadhom ma ghaddewx.

Jghidu ghalhekk, il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qrti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara illi l-konvenut EF huwa l-missier naturali ta' C u mhux il-konvenut DB.
2. Tordna illi id-direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel korrezzjoni opportuni fic-certifikati tat-twelid tal-minuri C ( Att nru : 5999/2018) billi fil-kolonna intestata ' isem u kunjom missier it-tifla', jigi kancellat l-isem 'DB u jigi sostitwit bl-isem **EF** u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokumenti tal-idenitita' ghall-eta', ghall-post tat-twelid, u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu korretti u jigu sostitwiti b' dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolnna ' id-dokument tal-identita', jigi jaqra **514579 M**, taht il-kolonna eta' jigi jaqra **38**, taht il-kolonna twieled tigi taqra' **Pieta'**, u taht il-kolonna residenza jigi jaqra' **Birgu Malta**, u taht il-kolonna ' isem u kunjom il-misiser u jekk hux haj jew mejjet jigi jaqra' **haj.**
3. Tordna illi l-kunjom il-minuri C ikun dak ta' **FC.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghal subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' DB, datat 2 ta' April 2019;

1. Fl-ewwel lok, jinghad li r-rikors guramentat huwa irritu, u dan stante illi jidher li mill-atti li gew notifikati lil-esponenti hemm nieqes l-awtorizazzjoni mehtieg li permezz taghha r-rikorrenti ABC , giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri, CB, skont id-dettami tal-artikolu 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll li t-talba kif imputatat mhix kompluta u dan stante li l-attrici naqset milli tipprocedi ukoll kontra id-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jkun parti integrali mill-proceduri odjerni.
3. Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost u dwar il-mertu, fit-tielet lok, l-esponenti jikkonferma li huwa u ABC izzewwgu fit- 3 ta' Settembru 2005, u dan li kien biss ricentament illi r-rikorrenti ABC ammettiet bl-adulterju kommess minnha, tant li l-partijiet bdew imbaghad bil-proceduri ta' seperazzjoni. Stante l-fatt illi mit-testijiet xjentifici li gie konfermat b' mod inkonfutabbli li l-esponenti ma huwiex il-missier bijolgiku tal-minuri CB, huwa ma huwiex qieghed jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti ABC , izda bla hsara ghall-eccezzjonij li jmiss.
4. Fir-raba' lok, huwa wiehed madankollu jopponi bil-qawwa kollha l-ispejjez tal-proceduri odjerni stnate il-fatt li r-rikorrenti qarrqet serjament bl-esponenti u ingannatu f dak li jirrelata mal-filjazzjoni tal-minuri u kien biss ricentament li skopra li huwa ma hux il-missier naturali tal-minuri DB Ta' min jossreva li l-konjugi B kellhom iben, li b' disgrazzja kbira u bi sfortuna gie nieqes fis- 26 ta' Dicembru 2017 meta kien ghad kellu l-eta' ta' hames snin u l-istess ABC minflok ma ppruvat tghaqqad il-familja taghha spiccat rinfaccjata b' dit-tragedja hekk kerha, sabet kenn u refugju f' terza persuna, il-konvenut EF, ftit gimaghat jekk mhux granet wara li sehhet dit-tragedja. In oltre' kien frott ingann u qerq tar-rikorrenti u l-konvenut EF, il-partijiet qieghdin fis-sitwazzjoni odjerna.
5. Salv eccezzjonijiet ohra talvolta mehtiega u premessi mil-Ligi.

Rat il-verbal tad-9 ta' April, 2019, fejn deher il-konvenut EF li ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici, u ddikjara li kien qed jaqbel mat-talbiet attrici.

Rat li fil- 25 ta' April 2019, il-konvenut DB (156479M), ipprezenta nota fejn permezz taghha qieghed jirtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu.

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju, 2019, fejn l-attrici u l-konvenut F qablu li l-ispejjez tal-kawza setghu jinqasmu bejniethom.

Rat li fl-istess seduta, il-partijiet qablu li l-kawza stghet tithalla ghas-sentenza.

**DECIDE**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' r-raba eccezzjoni tal-konvenut DB, tilqa' t-talbiet attrici, u ghaldaqstant:

1. Tiddikjara illi l-konvenut EF huwa l-missier naturali ta' C u mhux il-konvenut DB.

2. Tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel korrezzjoni opportuni fic-certifikati tat-twelid tal-minuri C (Att nru : 5999/2018) billi:

    a. fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifel', jigi kancellat l-isem "DB" u jigi sostitwit bl-isem "EF";
    b. u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokumenti tal-idenitita' ghall-eta', ghall-post tat-twelid, u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu korretti u jigu sostitwiti b' dawk il-partikolaritajiet u cioe':
    c. taht il-kolnna "id-dokument tal-identita'", jigi jaqra "514579 M";

d. taht il-kolonna “eta’” jigi jaqra “38”;
e. taht il-kolonna “twieled” tigi taqra’ “Pieta’”;
f. taht il-kolonna “residenza” jigi jaqra’ “Birgu Malta”;
g. u taht il-kolonna “isem u kunjom il-misiser u jekk hux haj jew mejjet” jigi jaqra’ “haj”.

3. Tordna illi l-kunjom il-minuri C ikun dak ta’ “FC”.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-konvenut EF f’sehem indaqs bejniethom.

Tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex isiru l-korrezzjonijiet hawn fuq indikati fi zmien ghoxrin jum.

**Imhallef**
**Onor. Imhallef Anthony G Vella**

**Deputat Registratur**
**Cettina Gauci**